

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/2167

tas-17 ta' Diċembru 2019

li tapprova l-Pjan Strateġiku tan-Netwerk għall-funzjonijiet tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru tal-ajru uniku Ewropew għall-perjodu 2020–2029

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu ta' spazju tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-ajru) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 ⁽²⁾ u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 ⁽³⁾ jipprevedu li l-Maniġer tan-Netwerk maħtur skont dawk ir-Regolamenti huwa meħtieġ li jstabbilixxi l-Pjan Strateġiku għan-Netwerk u jżommu aġġornat.
- (2) Ir-Regolament (UE) Nru 677/2011 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/123 jirrikjedu li l-Pjan Strateġiku tan-Netwerk jiġi adottat mill-Kummissjoni wara li dan jiġi approvat mill-Bord tat-Tmexxija tan-Netwerk.
- (3) Fis-27 ta' Ġunju 2019, il-Bord tat-Tmexxija tan-Netwerk approva l-Pjan Strateġiku tan-Netwerk għall-perjodu li jibda mill-2020 sal-2029. Dak il-perjodu huwa allinjat mal-perjodi referenzjarji rilevanti u jkopri l-perjodu tal-ħatra tal-Maniġer tan-Netwerk.
- (4) Jenħtieġ li l-Pjan Strateġiku tan-Netwerk jiġi approvat.
- (5) Din id-deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ bħala kwistjoni ta' urġenza qabel il-bidu tal-perjodu kopert mill-Pjan Strateġiku tan-Netwerk.
- (6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni maħruġa mill-Kumitat dwar l-Ajru Uniku, stabbilit bl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*Il-Pjan Strateġiku tan-Netwerk 2020–2029, kif approvat mill-Bord tat-Tmexxija tan-Netwerk fil-25 laqgħa tiegħu fis-27 ta' Ġunju 2019 ⁽⁵⁾, huwa approvat.*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2019.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

Ursula VON DER LEYEN

⁽¹⁾ ĠU L 96, 31.3.2004, p. 20.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 tas-7 ta' Lulju 2011 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 691/2010 (ĠU L 185, 15.7.2011, p. 1).⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/123 tal-24 ta' Jannar 2019 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 28, 31.1.2019, p. 1).⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament qafas) (ĠU L 96, 31.3.2004, p. 1).⁽⁵⁾ Il-Pjan Strateġiku tan-Netwerk għall-funzjonijiet tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru tal-ajru uniku Ewropew għall-perjodu 2020–2029, ippubblikat bħala d-dokument NMB/19/25/7 fuq is-sit web tal-Maniġer tan-Netwerk: <https://www.eurocontrol.int/network-manager#key-documents>